MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Numru 732/2000

Il-Pulizija
(Sup Alexandra Mamo)
vs
Olaf Cini, iben Loris,
imwieled Paola fis-17 ta'
lulju, 1960

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. talli fis-17 ta' april,1999 u\jew fil-jiem ta' qabel jew wara din id-data, mill-Floriana, ikkometta serq ta' 'cheque book' tal-mid-Med bank, fuq il-kont ta' Godfrey Debattista, liema serq sar għad-dannu ta' l-imsemmi Godfrey Debattista, il-

Mid-Med Bank u persuni oħra, liema reat hu aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
b. talli fil-perjodu ta’ bejn jannar u ottubru, 1998 u fix-xhur ta’ wara, ikkometta serq ta’ flus li jeċċedi l-Lm1,000, u dan billi għamel użu minn ‘Quick Cash Card’ tal-HSBC plc f’isem Therese Agius u persuni oħra, u dan wara li kkometta serq ta’ l-istess ‘plastic card’ cioe’ ‘Quick Cash card’ tal-HSBC plc f’isem Therese Agius u persuni oħra, mill-fond Panache sitwat ġewwa Triq Manwel Magri, Ħamrun, liema serq sar għad-dannu ta’ Therese Agius u persuni oħra, liema reat hu aggravat bl-ammont, bil-ħin, bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
c. xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
d. għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ għamel falsifikazzjoni tal-firem ta’ Godfrey Debattista, Therese Agius, Patrick Camilleri, Karen Mifsud u persuni oħra, fuq ‘cheques’ tal-mid-Med Bank u banek oħra, fuq il-kontijiet ta’ Godfrey Debattista, Ray Avallone u persuni oħra, fuq ‘faxes’ u dokumenti oħra li jappartjenu lil Therese Agius, fuq ‘sales vouchers’ bil-‘Quick Cash Card’ tal-HSBC plc, f’isem Therese Agius u persuni oħra u fuq ‘sales vouchers’ ta’ persuni oħra, kif ukoll fuq dokumenti u riċevuti oħra, u akatr talli xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;
e. b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ aktar minn Lm1,000 bi ħsara ta’ diversi

persuni, fosthom Godfrey Debattista, Therese Agius, Ray Avallone u persuni oħra, l-HSBC (Malta) plc u banek oħra;
f. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' mejju, 1997 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
g. talli kkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li ġġib id-data tas-17 ta' frar, 1997 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' ottubru, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 18, 261(f)(g), 270, 271 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 261(ċ)(d)(f)(g), 267, 268, 270, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18 u 183 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' april, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' april, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' april, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat skonta s-sentenza ta' priġunerija msemmija fl-akkuża bl-ittra 'g'.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma siibx lill-imputat ħati tal-akkużi bl-ittri 'ċ' u 'g' u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 49, 50, 183, 184, 261(ċ)(d)(f)(g), 267, 268, 270, 271, 279, 280, 281, 289, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------